MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJON U L-ISPORT

**Espressjoni ta' Interess**

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport, , jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jservu, permezz ta' kuntratt ta' servizz, bħala Vocational Trainers fl-iskejjel tal-Gvern, Ċentri tat-Tagħlim u fl-Alternative Learning Programme (ALP), għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Settembru, 2026, sad-9 ta'Lulju, 2027.

Il-Vocational Trainers huma meħtieġa f'dawn l-oqsma:

- *Building Services*
- *Carpentry*
- *Information Technology*

Kull min hu interessat għandu jkollu kwalifika fil-Livell 4 tal-MQF fil-qasam li jkun applika fih. Kwalifika ta' Livell 3 tal-MQF flimkien ma' tmien (8) snin esperjenza fit-tagħlim tiġi meqjusa biss meta din tkun l-ogħla kwalifika fis-suġġett ikkonċernat. Min jintgħażel hu mistenni li jaħdem sa mhux iktar minn 27.5 siegħa fil-ġimgħa, fil-ġranet tal-iskola.

Espressjonijiet ta' Interess jintlaqgħu fuq https://edurecruitment.gov.mt sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2026. Mal-applikazzjoni għandu jkun hemm meħmuż CV flimkien mal-kopji taċ-ċertifikati oriġinali.

L-applikanti jiġu intervistati. Waqt l-intervista huma mistennija jippreżentaw:

- Il-karta tal-identità;
- Ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija maħruġ mhux iktar minn xahar qabel id-data tal-għeluq ta' din l-espressjoni ta' interess;
- Portafoll b'xogħlijiet li jistgħu jinħadmu mill-istudenti u *Learning Outcomes* relatati magħhom;
- Tagħrif bażiku pedagoġiku ta' attitudnijiet u kwalitajiet meħtieġa biex tikkomunika ma' studenti ta' livelli differenti.

Aktar tagħrif u kjarifiki jistgħu jintalbu fuq:

- Imejl: erd-pmd.mes@gov.mt
- telefown: 2598 2490.